



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.8.2018
COM(2018) 576 final

ANNEX

ANNEX

ta'

PROPOSTA GĦAL-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija u fil-Komitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit biex jaderixxi ma' dawk il-Konvenzjonijiet

ANNEX

Proposta għal Deċiżjoni Nru .../2018 tal-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fl-kummerċ tal-merkanzija ta' ...2018

fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jaderixxi ma' dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija¹ ("il-Konvenzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") esprima x-xewqa tiegħu li jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata mid-data li fiha l-Konvenzjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih.

(2) L-iskambju tal-merkanzija mar-Renju Unit se jiġi ffaċilitat bis-simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jaffettwaw il-kummerċ tal-merkanzija bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u r-Repubblika tat-Turkija.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-iskambju, jixraq li r-Renju Unit jiġi mistieden jaderixxi mal-Konvenzjoni,

(4) L-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni jenħtieġ li tkun effettiva biss mid-data meta r-Renju Unit ma jibqax kopert mill-Konvenzjoni bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew, jekk l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit jaqblu dwar arranġamenti tranżitorji fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih, mid-data li fiha dawn l-arranġamenti tranżitorji ma jibqgħux japplikaw.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit għandu jiġi mistieden jaderixxi mal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni, mid-data meta ma jkunx aktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew mid-data minn meta kwalunkwe arranġament tranżitorju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih ma tibqax tapplika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

¹ ĠU L 134, 22.5.1987, p. 2

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Philip Kermode

Proposta għal Deċiżjoni Nru .../2018 tal-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ta' ...2018

fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jaderixxi ma' dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranzitu² ("il-Konvenzjoni"), u b' mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") esprima x-xewqa tiegħu li jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti separata mid-data li fiha l-Konvenzjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih.
- (2) L-iskambju tal-merkanzija mar-Renju Unit se jiġi ffaċilitat bi proċedura komuni ta' tranżitu għall-merkanzija trasportata bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u r-Repubblika tat-Turkija.
- (3) Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-iskambju, jixraq li r-Renju Unit jiġi mistieden jaderixxi għall-Konvenzjoni.
- (4) L-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni jenħtieġ li tkun effettiva biss mid-data meta r-Renju Unit ma jibqax kopert mill-Konvenzjoni bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew, jekk l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit jaqblu dwar arranġamenti tranżitorji fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih, mid-data li fiha dawn l-arranġamenti tranżitorji ma jibqgħux japplikaw.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit għandu jiġi mistieden jaderixxi mal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni mid-data meta ma jkunx aktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew mid-data minn meta kwalunkwe arranġament tranżitorju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fejn il-Konvenzjoni tkun tapplika għar-Renju Unit u fih ma jibqax japplika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Philip Kermode

² ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2